Kelma tal-Ħajja

Ġunju 2009

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (*Ġw* 15, 5)[1].

Timmaġinaha fergħa maqtugħa mid-dielja? M'għandhiex futur, m'għandha l-ebda tama, ma tistax tagħmel frott u ma fadlilhiex ħaġ'oħra ħlief li tinxef u tinħaraq. Aħseb ftit fil-mewt spiritwali li hemm tistennik bħala nisrani, jekk int ma tibqax magħqud ħaġa waħda ma' Kristu. X'biża'! Bl-ebda mod ma tista' tagħmel frott, anki jekk titħabat minn filgħodu sa filgħaxija, anki jekk taħseb li l-bnedmin għandhom bżonnok, anki jekk ħbiebek ifaħħruk, anki jekk il-ġid tiegħek ta' din l-art jikber, anki jekk tagħmel sagrifiċċji kbar. Dan kollu jagħmel sens għalik fuq din l-art, imma ma jkun ifisser xejn għal Kristu u għall-eternità. U dik hi l-aktar ħajja importanti.

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn".

Int kif tista' tibqa' fi Kristu u Kristu jibqa' fik? Kif tista' tkun fergħa ħadranija u b'saħħitha, magħquda ħaġa waħda mad-dielja? Qabel kull ħaġ'oħra jeħtieġlek temmen fi Kristu. Imma dan mhux biżżejjed. Il-fidi tiegħek trid tmexxi dak li inti tagħmel f'ħajtek. Jiġifieri trid tgħix skont dak li inti temmen, trid tgħix kliem Ġesù.

Mela ma tistax ma tagħtix kas l-għajnuna li jagħtik Alla u li ħallielek Kristu. Permezz ta' dawn inti tikseb jew tikseb mill-ġdid dik l-għaqda li int tkun ksirt minn miegħu. U ħaġ'oħra, Kristu ma jħossokx magħqud għal kollox miegħu jekk int ma tagħmilx ħiltek kollha biex tkun magħqud mal-komunità ekkleżjali tiegħek, mal-Knisja lokali tiegħek.

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn".

"Min jibqa' fija u jiena fih". Tinnota li Kristu qed jitkellem fuq l-għaqda tiegħek miegħu, imma wkoll fuq l-għaqda tiegħu miegħek? Jekk inti magħqud ħaġa waħda miegħu, hu jkun fik, ikun preżenti fil-fond ta' qalbek. U minn hawn toħroġ rabta u djalogu ta' mħabba bejnietkom, kollaborazzjoni bejn Ġesù u bejnek, li tinsab miexi warajh.

U r-riżultat ikun dan: li int tagħmel ħafna frott, eżattament bħalma fergħa magħquda sew mad-dielja tagħmel għenieqed b'togħma mill-aqwa. "Ħafna frott" tfisser li inti jkollok il-ħiliet meħtieġa biex ikollok appostolat bnin, tajjeb. Jiġifieri tkun kapaċi tiftaħ għajnejn ħafna nies biex jaraw il-kliem uniku u rivoluzzjonarju ta' Kristu u tkun tista' tagħtihom il-forza biex huma jimxu warajh. "Ħafna frott" tfisser ukoll li tkun taf tqanqal kif ukoll tibni opri żgħar jew kbar biex tgħin lil ħaddieħor fil-bżonnijet tiegħu skont il-kariżmi li tak Alla. "Ħafna frott" tfisser "ħafna" u mhux "ftit". U dan jista' jfisser li inti tagħraf twassal lill-bnedmin ta' madwarek mewġa ta' tjubija, ta' komunjoni u mħabba tal-aħwa bejniethom.

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn".

Imma "ħafna frott" ma tfissirx biss il-ġid spiritwali u materjali tal-oħrajn, imma tiegħek ukoll. Anki li tikber f'ruħek, anki li titqaddes, jiddependi mill-għaqda tiegħek ma' Kristu.

Referenzi:

1) Kelma tal-ħajja, Frar 1979, ippubblikata fuq *Essere la Tua Parola.* Chiara Lubich e cristiani di tutto il mondo, vol. I, Città Nuova, Ruma 1980, pp.175-178.

Titqaddes. Forsi fiż-żmenijiet tallum din il-kelma tista' tidher li għadda żmienha, li issa hi bla ebda użu, jew li hi xi ħolma.

Mhux hekk. Dan iż-żmien jgħaddi u miegħu jgħaddu wkoll l-opinjonijiet ċkejkna, żbaljati, aċċidentali. Il-verità tibqa'. Elfejn sena ilu l-appostlu San Pawl kien jgħid bla tlaqliq li r-rieda t'Alla għall-insara kollha hi li jsiru qaddisin. Santa Tereża t'Avila, duttur tal-Knisja, hi ċerta li kulħadd, anki nies komuni, jistgħu jaslu għal kontemplazzjoni mill-aktar għolja. Il-Konċilju Vatikan II jgħid li l-poplu kollu t'Alla hu msejjaħ għall-qdusija. Dawn l-ilħna ta' min wieħed joqgħod fuqhom. Għalhekk ara li f'ħajtek tagħmel ukoll il-"ħafna frott" tal-qdusija li sseħħ biss jekk inti magħqud ma' Kristu.

"Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn".

Jekk tosserva sew, Ġesù mhux qed jitlob il-frott direttament minn għandna, imma hu jarah bħala riżultat li aħna "nibqgħu" magħqudin miegħu. Jista' jiġri li inti wkoll tagħmel l-istess żball li jagħmlu ħafna nsara: attivitajiet, attivitajiet, xogħol, ħidma għall-ġid tal-oħrajn, bla ma jkollhom il-ħin jaraw sew jekk humiex għal kollox magħqudin ma' Kristu.

Dan hu żball: naħsbu li qed nagħmlu l-frott, imma mhuwiex dak il-frott li Kristu fik u Kristu miegħek jista' jagħmel. Biex tagħmel frott li jibqa' għal dejjem, frott li jkollu t-timbru t'Alla, trid tibqa' magħqud ma' Kristu. Iktar ma tibqa' magħqud fi Kristu iktar tagħmel frott. Hemm ħaġ'oħra: il-kelma "tibqa'" li juża Ġesù tagħti l-idea mhux l-aktar ta' mumenti li fihom nagħmlu l-frott, imma li nibqgħu nagħmlu frott il-ħin kollu.

Infatti, jekk inti taf nies li jgħixu hekk, tara li huma, forsi bi tbissima sempliċi, b'xi kelma, bl-imġiba tagħhom ta' kuljum, bil-mod kif iġibu ruħhom quddiem is-sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja, huma jmissu l-qlub tant li xi drabi dawn il- qlub jerġgħu jsibu lil Alla. Hekk kienu l-qaddisin. Imma aħna m'għandniex għalfejn naqtgħu qalbna. Anki l-insara komuni jistgħu jagħmlu l-frott. Kompli aqra: Kif nafu, illum il-ġurnata fost l-istudenti hemm ħafna interessi politiċi u ġieli ftit jibqa' spazju għal dawk li jridu jkunu ta' siwi għall-umanità b'interessi oħrajn. Ninsabu l-Portugal. Maria do Socorro wara li spiċċat l-iskola sekondarja, daħlet l-università. L-ambjent hu wieħed diffiċli. Ħafna minn sħabha jinsabu mpenjati ħafna, biex jimxu wara l-ideoloġija tagħhom u kulħadd irid ikaxkar għal warajh lil dawk l-istudenti li għadhom ma ddeċidewx it-triq politika tagħhom.

Maria taf sew liema hija t-triq tagħha, avolja mhix ħaġa faċli tispjegaha. Din hi li timxi wara Ġesù u tibqa' magħquda miegħu. Skont sħabha, li ma jafu xejn fuq l-ideat tagħha, Maria hi waħda ta' bla ebda kulur, waħda ta' bla ideali. Xi drabi ħassitha tisthi xi ftit, speċjalment hija u dieħla l-knisja. Imma hi tibqa' tmur għax thoss li trid tibqa' magħquda ma' Ġesù. Kien riesaq il-Milied. Maria ndunat li fost sħabha kien hemm min ma jistax imur id-dar, għax joqgħod 'il bogħod ħafna. Hi pproponiet lil sħabha biex ilkoll flimkien jagħtu rigal lil dawk li ma kenux se jitilqu. Baqgħet skantata ħafna meta rat li kollha aċċettaw, u mill-ewwel. Xi żmien wara saret l-elezzjoni u, oħroġ il-għaġeb, kienet hi li ntgħażlet biex tirrappreżenta l-kors tagħha. Imma l-istagħġib kien ikbar meta semgħet lil min jgħid: "Hi ħaġa loġika li ntgħażilt int; għax inti l-unika waħda fostna li għandha linja preċiża, li taf xi trid u kif għandek tagħmel biex twettqu". Issa, xi whud interessaw ruħhom fl-ideal tagħha u jridu jgħixu bħala. Dan hu frott tajjeb tal-perseveranza ta' Maria do Socorro li trid tibqa' magħquda ma' Ġesù.

Chiara Lubich